Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**Seduta numru 44 tas-Sitt Leġislatura**
**Illum l-Erbgħa 16 t a' Mejju 2012**

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Proġetti Infrastrutturali
5. Preżentazzjoni ta' Apprezzamenti ta' Mġarrin
6. Servizz ta' Tindif tal-bini amministrattiv
7. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Giovanni Gatt u il-Kunsilliera Maria Said kienu skużati.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota korrispondenza mill-Fondazzjoni Majjistral fejn fiha ġie mgħarraf li l-proġett tal-Park Rikreazzjonali fl-inħawi ta' Ta' Darrenżi kien ġie approvat għall-fondi u kien ser jiġu allokati €395,239.32 għall-dan il-proġett.

2.2 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.3 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.4 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar Seminar li ser isir nhar is-Sibt 7 ta' Lulju.

2.5 Korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa b' informazzjoni li kien hemm 42 talba pendenti għal-oqbra ġodda fl-Imġarr.

2.6 Korrispondenza mingħand il-Għaqda Kulturali Festa Mġarr dwar ir-rotta il-ġdida tal-purċissjoni tal-festa ta' Santa Marija li kienet ser taffetwa il-postijiet ta' fejn jintramaw il-gabbani u kiosks matul il-ġranet tal-festa. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lil kull minn għandu il-permess jarma gabbana biex jinfurmah bl-iżvilluppi u li tissejjaħa laqgħa ta' informazzjoni u konsultazzjoni dwar dan.

2.7 Korrispondenza mill-Uffiċċju Parrokkjali dwar talba ta' 'Keep Clear' matul is-sena kollha quddiem il-maħżen tal-festa. Il-Kunsill ddiskuta din il-proposta u qabel li jkompli jiddiskutiha aktar 'il quddiem.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li wara laqgħa li saru bejn il-Perit tal-Kunsill (EMDP) u l-perit ta' Sean Micallef (Il-Kuntrattur li kien naddaf is-sit ta' fejn hu proġettat li jsir il-ġnien qrib l-oqsma tal-gvern biswit Triq il-Banjijiet Rumani) saret diskuzzjoni bejn iż-żewġ partijiet li peress li l-aħħar parti tal-kont kienet tidher għolja wisq, sar ftehim sabiex l-aħħar bilanċ jitniżżel għall-€1806. Sar qbil bejn iż-żewġ partijiet u dan l-ammont ser jitħallas lil Micallef immedjatament biex b' hekk dan il-kont ikun konkluż.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li is-Sinjura Eugenia Mifsud li kienet qed tagħti s-servizzi tagħha ta' tindif fil-bini amministrattiv, kienet infurmatu li kienet beħsibha tispiċċa dan ix-xogħol fl-aħħar tax-xahar minħabba raġunijiet personali. Dan is-suġġett ġie diskuss aktar 'il quddiem f' punt 6 tal-aġenda.

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


3.3 Is-Sindku informa li kienu nġabru 3 kwotazzjoni għall-barriers prottettivi madwar il-parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa. Dawn il-kwotazzjonijiet jinkludu biss il-materjal peress li x-xogħol ta' twaħħil ser isir mill-handimen tal-Kunsill stess. L-offerta ta' R & J Ironmongery tal-Mosta ġiet aċċettata peress li kienet l-inqas waħda għolja u l-aktar waħda konvenjenti.

3.4 Is-Sindku informa li kienu ser isiru 2 Youth-Exchange matul is-sajf, wieħed għall-Ungerija u l-ieħor għall-Bulgarija. Din ta' l-aħħar daħlet b' urġenza wara li kien waqgħet l-applikazzjoni ta' entita' oħra. Għaldqastant ġew imsejjħa għalija l-applikanti li kienu fuq il-Waiting List.

3.5 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-pittur Ġermaniż Olaf Schabach, li għandu xogħlijiet artistiċi tiegħu eżebiti fil-bini tal-Kunsill. Din il-laqgħa esplorat il-possibilita' li jsir proposta ta' proġett ta' ġemellaġġ ma' Morbach, il-post ta' oriġini ta' Schabach. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jsir studju dwar il-possibilitajiet ta; skambju bejn iż-żewġ lokalitajiet.

3.6 Is-Sindku informa li il-Gaia Foundation kienet informat lill-Kunsill li il-bajja tar-Riviera kienet ġiet mogħtija il-'Blue Flag' award. Dan ġie milqugħ b' entużjasmu mill-Kunsill.

3.7 Clayton Gauci ippreżenta r-rapport ta' Millcraft Engineering Ltd. Dwar ir-restawr tas-silos f' Tal-Palma. Ir-rapport jindika li dawn is-silos u l-makkinarji jistgħu jiġu irranġati u kien jinkludi 2 stimi : waħda ta' £136,000 li jinkludi restawr minbarra dak tal-makkinarju, kif ukoll stima ta' ta' £173,000 li tinkludi restawr tal-makkinarji li jerġa' jiġi l-istat oriġinali tiegħu. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa dawn ir-rapporti u stimi fil-futur qarib.

## 4. Proġetti Infrastrutturali

4.1 Ingħatat informazzjoin mis-Sindku dwar laqgħa li kien hemm mal-perit tal-Kunsill, Etienne Magri li għaliha attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv. Dawn huma l-punti li ħarġu:

- Bankina ta' Triq Fisher : wara konsultazzjoni kemm mal-perit kif ukoll mal-Kunsill, ġie deċiż li minħabba diffikultajiet tekniċi, il-biċċa bejn Triq il-Konkors Teatrali u Triq San Pietru ma ssirx u ssir biss il-parti minn Triq il-Konkors Teatrali sar-roundabout ta' Binġemma, n-naħa tar-residenzi.

- Proġett ta' zona ta' parkeġġ fi' Triq il-Kbira : wara din l-istess laqgħa sar tibdil lill-dan il-proġett li issa ser ikopri ħames siġar taċ-Ċipress minflok is-siġar preżenti bil-parkeġġ issir bejniethom.

- Lattrini tal-bajja tal-Ġnejna : ġie diskuss il-proġett ta' mmodernizzar tal-lattrini fil-bajja tal-Ġnejna u ġiet analizzata il-proposta tal-perit Magri. Dan hu proġett ta' disinn modern li jinkludi anke' post fejn wieħed jista' jinħasel. Il-Kunsill ddiskuta dan il-proġett u qabel mal-proposta ta' disinn tal-perit.

**5. Preżentazzjoni ta' Apprezzament ta' Mġarrin**

5.1 Is-Sindku ppropona li ssir forma ta' apprezzament lejn dawk l-Imġarrin li dan l-aħħar iddistingwew irwieħhom fuq bażi nazzjonali f' diversi oqsma. Dawn huma is-Sinjorina Daniela Darmanin, rebbieħa tal-konkors Miss World Malta, is-Sinjorina Gaia Cauchi, rebbieħa tal-konkors San Remo Junior Festival, it-tim tal-football tal-irġiel tal-iMġarr United li rebaħ il-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni filwaqt li t-tim tan-nisa tela' fl-Ewwel Diviżjoni.

5.2 Sar qbil li ssir ċerimonja qasira fil-bini tal-Kunsill nhara il-Ħadd 27 ta' Mejju fejn fihom dawn l-Imġarrin jingħataw sinjal ta' apprezzament lejn is-suċċessi li kisbu.

**6. Servizz ta' Tindif tal-Bini Amministrattiv**

6.1 B' referenza għall-punt 3.2 ta' dawn l-istess minuti, wara li ftit xhur ilu inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tindif tal-bini amministrattiv, il-persuna magħżula, is-Sinjura Eugenia Mifsud, infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li, minħabba raġinjiet personali, kienet ser tieqaf minn dan is-servizz. Sar ftehim li s-servizz tagħha jibqa' għaddej sal-aħħar tax-xahar ta' Mejju.

6.2 Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta din is-sitwazzjoni u qabel li tissejjaħ sejħa oħra għall-kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Eman Vella semma' li kien wasal biex tiġi ppubblikata edizzjoni oħra ta' 'Il-Miġbħa'. Għaldaqstant, hu mportanti li il-kontributuri kollha iwasslu il-kitbiet tagħhom sa' nofs Ġunju biex din l-edizzjoni tkun tista' tiġi ppubblikata sa' l-aħħar tax-xahar.

7.2 Clayton Gauci informa li kien irċieva talba mingħand il-Club tal-Volleyball biex isir użu mis-sala tal-bini amministrattiv nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li din iseħħ.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

7.3 Eman Vella semma' jekk hemmx possibilta' li jsir bring-in site ieħor. Is-Sindku wieġeb li kien diġa' ġie stabilit li kien hemm bżonn ta' sit oħra simili fl-inħawi taż-Żebbiegħ, imma li għadu ma ġiex identifikat il-post eżatt fejn isir.

7.4 Is-Sindku semma' li kien wera' x-xewqa tiegħu li il-Kunsill jakwista garaxx fl-Imġarr. Hu informa li kien tkellem mal-Onorevoli Ministru Chris Said u li wara spezzjoni fuq il-sit ta' garaxxijiet fi' Triq il-Karamelli, kien indivwa garage ideali f' numru 53, livell 1. Is-Sindku spjega kif dan il-garage intagħażel mill-oħrajn peress li kien l-aktar wieħed li kien fih fond u li fl-istess ħin, minħabba il-forma tiegħu, kien l-inqas wieħed li kellu bejgħ faċli. Saret diskussjoni u ġie deċiż li issir talba sabiex dan il-garage jinxtara b' pagamenti rateali.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv** : Cyprian Dalli*